Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 379 / 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs.**

**Anthony Cuschieri**

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Anthony Cuschieri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 328349 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. Nhar it-30 ta' April 2009 xi hin qabel nofs inhar, gewwa l-bini tal-Qorti, Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, b' cirkostanzi aggravanti, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioé offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Cuschieri, persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena u li huwa hu l-akkuzat, u dan skont ma' gie ccertifikat minn diversi tobba medici;

2. Fl-istess jum, hin, lok, u cirkotanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

3. Fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 (1) ta-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti filwaqt li asjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b' hekk illiberatu minnha, u, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 28 ta' Gunju 2012 u senjatament Artikoli 202 (h) (ii), 214, 216 (1) (a) (ii), 216 (1) (a) (iii), 216 (1) (b), 216 (1) (d), 222 (1) (a) u 222 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Anthony Cuschieri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghdet lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' George Cuschieri ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony Cuschieri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-18 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha f' dik il-parti li ma' sabitx htija kontra l-esponenti u thassarha u tirrevoka fejn instabet htija biex b' hekk tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe:

1] Illi b' rispett l-esponenti qatt ma' kellu jigi misjub hati tal-ewwel akkuza. Illi huwa koncess li mhux kull dubju iwassal ghal nuqqas ta' sejbien ta' htija u huwa koncess ukoll li l-Qorti ghandha dritt anzi obbligu li tissindika hija dak li jkun sehh biex tghaddi ghal gudizzju b' sagezza u serenita, izda pero tali ezercizzju dejjem irid isir fl-isfond li l-grad tal-prova tal-prosekutur huwa dak li jkun bla dubju dettat mir-raguni. Illi l-esponenti jhoss li kien fuq dan il-punt li l-Ewwel Qorti b' rispett kienet skorretta akkademikament;

Illi jinghad li l-Ewwel Qorti ghamlet accenn, f' aktar minn okkazzjoni wahda fis-sentenza, li l-verzjonijiet moghtija minn l-ahwa Cuschieri u marthom kienu dijametrikament opposti. Illi l-esponenti jifhem li l-fatt li l-Ewwel Qorti kkumentat f' aktar minn darba dwar dan il-punt, juri li l-istess Qorti kellha diffikulta fejn l-aktar ser titfa piz biex temmen il-verzjonijiet. Issa verament li l-partijiet ezentaw lill-Qorti li ddecidiet milli terga' tisma' l-provi, izda f' dan il-kaz terga l-Gudikant kellu d-diffikulta mizjuda li ma' semghax lill-partijiet jixhdu huwa stess;

Illi jidher mill-kunsiderazjonijiet tal-Qorti li minhabba f' dina d-diffikulta riskontrata l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox il-verzjonijiet opposti moghtija minn l-ahwa Cuschieri. Illi issa hawn wiehed irid jaghmel domanda pertinenti biex izomm ferm mat-taghlim guridiku u cioe:- dan il-fatt wahdu ossia li zewg verzjonijiet opposti gew imwarda 'n kwantu t-test tal-kredibilita mhux gia jindika ampjament li f' dan il-kaz kien hemm altru minn dubju dwar x' verament sehh? Illi pero d-dubju jrid ikun dubju ragonevoli u ghalhekk il-Qorti qabdet imbaghad u ezaminat il-verzjonijiet moghtija minn l-avukati tal-partijiet li kienu presenti. Issa jidher li l-Ewwel Qorti strahet fuq il-verzjoni moghtija minn Dr. James D' Agostino. Il-Qorti marret oltre wkoll u qalet li l-verzjoni ta' Dr. Ciliberti kienet xi ftit 'evaziva'. Illi fuq dan il-punt l-esponenti jikkontendi car u tond li assolutament ma' huwiex fi qbil mar-ragunament tal-Ewwel Qorti, illi qari akkurat u oggettiv tal-verzjonijiet tal-avukati rispettivi iwassal ghal zewg punti u cioe {a} mhux minnu li Dr. Ciliberti kien evaziv jew li x-xhieda tieghu kienet

‘sketchy’ u {b} huwa ovvju li anke wara li taqra il-verjonijiet tal-avukati jifdal dubju ragonjat ta’ kif sehh dan l-incident;

Illi huwa f’ dan l-isfond li l-esponenti jikkontendi b’ rispett li l-Ewwel Qorti kellha la darba anke il-verzjonijiet tax-xhieda okulari baqghu kontrastanti, tghaddi sabiex tillibera. Mhux biss izda z-zewg avukati huma ufficjali tal-Qorti u ghalhekk jinghad li l-esponenti jhoss li jkun ottuz li fuq kaz penali tinstab htija o meno billi xi wiehed minn dawn l-ufficjali li xehdu b’ mod diligenti hafna, jigi emnut wiehed u l-iehor, bil-pulit, le. Illi ghalhekk la darba c-cirkostanzi waqt il-process evolvew bil-mod kif evolvew, l-esponenti jikkontendi b’ rispett li l-kaz kellu jmur ghal liberatorja;

2] Illi minghajr pregudizzju u f’ pessima ipotesi li l-ewwel aggravju ma’ jigix milqugh, l-esponenti jhoss li l-iskuzanti sollevata fid-difiza tieghu, u li l-Ewwel Qorti ma’ kummentat xejn dwarha fis-sentenza taghha, kellha zgur tigi milqugha. L-esponenti jikkontendi b’ rispett li ta’ lanqas, jekk misjub hati kellha tapplika l-iskuzanti taht l-artikolu 227 [c] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi f’ kaz bhal dan fejn mill-provi irrizulta li kien Gorg Cuschieri li provoka l-incident, u kaz fejn mart l-esponenti sfat imsawta, certament li bniedem ta’ temperament ordinaiju li jara lil martu taqla’ daqqa ta’ ponn u bniedem iehor jezzes snienu u jipprovoka ghal glied mhux eskluz, anzi huwa prospettabli, li jinqala’ incident bhal dak li sehh. Illi l-esponenti minghajr hafna elogji fuq l-elementi ta’ dina d-difiza jhoss li dan huwa ‘text book case’ ta’ dak li tipprovdi dina d-disposizjoni tal-Ligi u ghalhekk isibha difficli hafna li l-esponenti jifhem mhux biss li ma’ gietx milqugha dina d-difiza izda li l-Ewwel Qorti anqas biss ma’ ‘ndenjat ruhha alumenu taghti konsiderazjonijiet biex tghid ghaliex ma’ ntlaqatx dina d-difiza. Meta wiehed jaqra s-sentenza tal-Ewwel Qorti sfortunatament jinghata l-impressjoni li dina d-difiza anqas biss giet sollevata u ghalhekk ghal darba ohra l-esponenti qed jitlob li dan il-punt jigi mistharreg peress li jhoss li dak li sehh alumenu ghandu jaqa’ fil-parametri tal-artikolu tal-ligi kwotat. S’ intenndi jekk dina l-Onor. Qorti taqbel mat-tezi tad-

difiza allura konsegwentement ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena billi tigi imnaqsa minn dik erogata fil-Prim Istanza;

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti interament imsejjes fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kien hemm fl-atti u dan billi jidhirlu illi l-Ewwel Qorti kellha tghaddi ghal liberatorja mill-unika akkuza dwar l-offiza gravi fuq il-persuna ta' huh George Cuschieri li dwarha huwa gie misjub hati. Jilmenta ukoll mill-fatt illi anke jekk ghall-Ewwel Qorti kellha tirrizulta ir-reita, madanakollu kellha tigi applikata l-iskuzanti tal-provokazzjoni billi huwa wiegeb ghall-agir provokattiv ta' huh meta sehh l-iskontru bejniethom. Ighid illi ghalhekk hassu aggravat mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ma qiesitx dina l-linja difensjonali u lanqas taghmel accenn ghall-istess fid-decizjoni impunjata.

Ikkunsidrat,

Illi jibda biex jinghad illi gie mistqarr diversi drabi mill-qrati taghna, illi qorti ta' revizjoni qajla ghandha tqanqal l-apprezzament li ikun gie maghmul mill-Ewwel Qorti hlief meta jirrizultalha illi tali apprezament ikun wiehed erronji kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament. Illi huwa biss f'dawn ic-cirkostanzi illi din il-Qorti allura ghandha tiddisturba tali apprezzament.

Illi, "**kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"*** fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs.**

**Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti dwar kif sehh dan l-incident gewwa l-bini tal-Qorti u dan wara li l-partijiet kellhom seduta quddiem l-asisstent gudizzjarju Dr. Mariella Schembri Gonzi in konnessjoni ma' pendenza ta' natura civili ezistenti bejniethom. Illi l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi ghazlet li taghti piz lill-verzjoni tal-parte civile u mhux ta'l-appellant. Dan ghamlitu wara li qieset ukoll ix-xhieda ta' zewg avukati li kienu qed jippatrocinaw lill-ko-litigandi f'din il-vertenza u cioe' id-deposizzjoni ta' Dr. Marco Ciliberti u dik ta' Dr. James D'Agostino.

Illi kemm il-ligi kif ukoll il-gurisprudenza ifasslu linji gwida ghal min huwa fdat f'idejh il-gudizzju meta rinfaccjat bil-kunflitt fil-provi. Huwa minnu illi fil-kamp penali il-grad tal-prova li ghandha tilhaq il-prosekuzzjoni huwa wiehed oneruz ferm, madanakollu mhux kull kunflitt fil-provi necessarjament ifisser li ghal gudikant jew ghal gurija popolari illi tkun nibtet fihom iz-zerriegha tad-dubbju ragjonevoli. Ghaliex zewg verzjonijiet kontrastanti xortawahda jistghu iwasslu ghal sejbien tal-htija fil-grad rikjest mill-ligi meta wahda mill-verzjonijiet ghandha aktar mis-sewwa mill-ohra, meta wiehed jezamina ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dan ifisser allura, kuntrarjament ghal dak li jilmenta minnu l-appellanti, illi l-kunflitt li sabet quddiem wiccha l-Ewwel Qorti mhux necessarjament kellu iwassal ghal dak id-dubbju ragjonevoli dwar ir-reita'. L-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha kellha kull dritt taghti affidament lil verzjoni wahda u mhux ohra u dan wara li twiezen il-provi kollha.

Illi din il-Qorti issib illi l-Ewwel Qorti dan l-ezercizzju ghamiltu u ghamlitu b'mod approfondit u mhux legger u elenkat il-mottivi kollha li wassluha sabiex temmen lill-parti leza u mhux lill-appellant, tant illi din il-Qorti wara li ezaminat mill-gdid l-atti ma issib l-ebda mottiv li jista' iwassalha iccaqqlaq

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

dina l-fehma studjata u ragjonata milhuqa mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex din il-qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha ma tista' temmen qatt lill-appellanti meta jishaq illi kien l-parti leza li hebb ghalih u li sahansitra anke hebb u ta daqqa ta' ponn lil martu, meta jirrizulta illi l-incident sehh kollu fuq in-naha tal-mejda fejn kien jinsab bil-qieghda il-parti leza. Dan hu anke ikkonfermat mill-avukat li dak in-nhar kien qed jippatrocina lill-appellanti, Dr. Marco Ciliberti. Jirrizulta mill-provi illi meta beda dan l-incident il-partijiet bl-avukati rispettivi taghhom kienu bil-qieghda faccata ta' xulxin madwar mejda. Kwindi ghalkemm jidher bhala fatt inkontestat illi meta beda l-argument kien l-parti leza li l-ewwel li qal xi kliem ta' tghajjir fil-konfront ta'l-appellanti, madanakollu jidher illi dan wiegeb minnufih ghal dan il-kliem u spicca fuq in-naha tal-mejda fejn kien hemm il-parti leza fejn hemmhekk sehh l-iskontru bejniethom. Mhux biss izda jidher mix-xhieda ta' Dr. James D'Agostino, illi sahansitra l-avukat ta'l-appellanti Dr. Ciliberti beda jipprova irazznu u ighidlu biex jiddesisti minn dan l-agir, fatt illi Dr. Ciliberti jommetti milli isemmi fix-xhieda tieghu fejn kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti ix-xhieda tieghu kienet wahda iktar generika minn dik ta' Dr. D'Agostino li kienet dettaljata. Di piu' anke in-natura tal-griehi stess sofferti mill-parti leza u minn martu jaghtu konfort lit-tezi taghhom. Dan ghaliex ghalkemm jidher illi dawn ta'l-ahhar soffrew griehi konsiderevoli, l-appellanti u martu qajla kellhom griehi f'din il-konfrontazzjoni fejn allura ghalkemm jistqarru illi kienu l-parti leza u martu li hebbew ghalihom u tawhom anke diversi daqqiet ta' ponn, madanakollu griehi f'dan is-sens ma sofrewx, filwaqt illi l-parti leza spicca b'diversi griehi f'wiccu konsistenti fi ksur, abrazjonijiet u tbengil. Dawn il-griehi kollha huma kompatibbli ma' daqqiet ta' ponn kif allegat mill-parti leza stess. F'dawn ic-cirkostanzi allura l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti piz lill-verzjonijiet ta'l-appellanti u martu.

Illi anke l-aggravvju imressaq mill-appellanti rigward il-fatt illi l-Ewwel Qorti skartat il-linja difensjonali tieghu dwar il-provokazzjoni m'ghandhiex mis-sewwa. Dan ghaliex minn qari akkurat tad-decizjoni impunjata ghandu

johrog illi l-Ewwel Qorti mhux biss ezaminat dina l-iskuzanti a fol.21 tas-sentenza, izda ukoll ghaddiet biex tqies jekk kienx applikabbli fil-konfront ta'l-appellanti l-iskriminanti tal-legittima difeza. Illi ghar-rigward tal-konsiderazzjonijiet kemm ta' natura legali kif ukoll fattwali maghmula mill-Ewwl Qorti fir-rigward, din il-Qorti tistqarr illi qajla ghandha x'izzid. Jinghad illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

"***Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.***"

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata.

***"Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima[2]."***

Illi l-Qorti tqis illi dana kien kaz ta' perikolu anticipat u inoltre l-imputat ireagixxa b'mod kemmxejn vjolenti f'dan is-sinistru. Ibda biex l-episodju mertu ta' dan il-kaz sehh fl-edificju tal-Qorrti fil-presenza ta'zewg ufficjali tal-qorti u cioe' tal-avukati rispettivi tal-kontendenti. Kwindi ma jistax jkun illi l-appellanti kien rinfaccjata b'xi sitwazzjoni ta' perikolu li ma setax jigi evitat hlief bil-konfrontazzjoni.

Illi ghalhekk ghall-istess motivi lanqas ma jista' japplika ghal dan il-kaz l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "**illi f'nies ta' temperament ordinarju**

[2] Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995

**komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt.**" Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

"**Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).**"

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dina l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Issa hawnhekk ukoll il-Qorti ma tqiesx illi bniedem ta' temperament ordinarju kellu ikollu reazzjoni vjolenti meta jigi mghajjar "giddieb" jew "bewwiel", kif jallega l-appellanti tant illi dan kellu iqum minn postu, ihebb ghall-avversarju tieghu u jibda jaghtih bil-ponn. L-appellanti, li kellu bizzejjed xhieda madwaru ghat-tghajjir li kien qed jissubixxi seta fácilment jirrikorri lejn l-awtoritajiet ghal protezzjoni iktar u iktar meta kien jinsab fl-

edificju tal-Qorti, izda minflok hass illi kellu jiehu il-ligi b'idejh u iwiegeb bil-vjolenza biex b'hekk huwa ecceda il-limiti tal-imgieba xierqa. Illi ghalhekk lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqqlu akkoljiment.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata bit-terminu impost mill-Ewwel Qorti ghall-applikazjoni ta'l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jibda jidekorri mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur